

Brussell, 18 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10140/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0802 (CNS)

SCH-EVAL 124
SIRIS 63
COMIX 325

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 15820/1/17 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija

1. Is-sena li għaddiet tħejja abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-Bulgarija u r-Rumanija japplikaw is-SIS mingħajr ebda restrizzjoni pendent, kif stabbilit fl-Artikolu 1 (4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija.
2. Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil rigward dak l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill bil-ksieb li jiġi eventwalment adottat mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti bil-lingwi kollha (15249/17 u l-anness tiegħu).
3. Irriżulta li l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kien jeħtieġ żewġ korrezzjonijiet tekniċi li ġew approvati mill-Coreper fid-19 ta' April 2018 (7903/1/18 REV 1).

4. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Ġunju 2018.

5. Il-Coreper huwa għaldaqstant mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u jirrakkomanda li l-Kunsill jadottah, kif jinsab fid-dok. 15820/1/17 REV 1, baħa punt "A" waqt laqgħa li jmiss.
